MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2003

Numru. 569/2002

**Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**Gary Bartolo bin Wistin u Lora nee Bigeni li joqghod
Nru 5, Triq l-Ispira, Xaghra, Ghawdex.
(Karta ta’ l-Identita Nru 15186 G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar il-25 t’ Ottubru 2002 ghall-habta ta’ 23.30hrs f’diversi triqat u fosthom fi Triq Jannar gewwa x-Xaghra, Ghawdex, (1) saq vettura numru ABD 493 minghajr il-licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Awtorita` ta’ Trasport ta’ Malta u aktar talli saq l-imsemmija vettura meta ma kienx kopert b’polza ta’

assikurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni, (2) talli fl-istess data, inhawi u hinijiet saq l-istess vettura b’velocita` eccessiva u b’manjiera traskurata u perikoluza u talli b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti habat ma’ truck numru JAN 246 u kkaguna hsarat b’detriment ghal Paul Spiteri u hsarat ohra fuq l-istess vettura li kien isuq u dan b’detriment ghal Maria Bartolo.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija timpedixxi lill-imputat milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li jidrilha xieraq.

Semghet l-ammissjoni fuq l-ewwel akkuza;

Semghet il-provi;

Fuq ammissjoni ssibu hati ta’ l-ewwel akkuza;

Rat l-artikoli 15 (1) (a) tal-Kap 65 u 3 tal-Kap 104;

Bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 37 tal-Kap 9;

Tikkundannah ghall-hlas ta’ ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) u tiskwalifikah milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar mill-lum;

Ma ssibux hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------